**135. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin l-Onor. Guido de Marco jipproponi:-**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u riżoluzzjonijiet oħra approvati mill-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar l-Estimi Ġenerali tal-Ispiża għas-sena 1994 u dwar l-Estimi Supplimentari tal-Ispiża għas-sena 1993.

**A. Provvedimenti Ġenerali**

1. Illi jkunu jistgħu jittieħdu aktar minn seba' seduti għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali fil-Kumitat ta' Provvista (Ordni Permanenti Nru 71 (3) (ċ).

2. Illi matul il-jiem tad-dibattiti dwar l-Estimi Ġenerali 1994, kif ukoll fil-jiem tal-Kumitat ta' Provvista għall-Estimi Ġenerali 1994, u Estimi Supplimentari għas-sena 1993, il-ħin li fih għandha tiltaqa' l-Kamra għandu jkun fis-6.00 p.m. u x-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat, imma mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mis-6.30 p.m. u l-ħin tal-Aġġornament ma jitteħidtx.

3. Illi jekk il-Kamra tiltaqa' fil-għodu, hi għandha tiltaqa' fid-9.00 a.m. u x-xogħol finanzjarju m'għandux jieħu aktar minn tliet sigħat, imma mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mid-9.30 a.m. u l-ħin ta' l-Aġġornament ma jitteħidtx.

4. Il-ħin li jittieħed għal xi sospensjoni waqt id-diskussjonijiet kollha fuq l-Estimi Ġenerali 1994, Kumitati ta' Provvista, Estimi Supplimentari 1993, kif ukoll waqt iż-żewġ approprjazzjonijiet, għandu jiżdied mal-ħin stabbilit għall-interruzzjoni tax-xogħol.

5. Illi jekk il-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis, għandu jsir biss xogħol tal-Gvern.

6. Illi l-Kamra tista' tiltaqa' l-Ġimgħa u s-Sibt.

7. Illi l-Kamra tista' tiltaqa' fil-għodu u fil-għaxija fl-istess jum.

8. Illi fis-seduti kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-Estimi Ġenerali 1994 jew l-Estimi Supplimentari 1993, jista' jsir xogħol ieħor tal-Gvern, inklużi mozzjonijiet u riżoluzzjonijiet, kif ikun jidher fuq l-Aġenda, wara li jispiċċa x-xogħol finanzjarju fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol; u wara li jgħaddi x-xogħol kollu li jkun jidher fuq l-Aġenda, jitressaq l-Aġġornament u l-ħin ta' l-Aġġornament ma jitteħidtx.

**B. Estimi Ġenerali 1994**

1. Illi jkun hemm żewġ seduti fuq il-mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għas-sena 1994; u l-ewwel seduta minn dawn tkun għall-Oppożizzjoni, waqt li t-tieni waħda tkun għall-Gvern; u ż-żewġ seduti jkunu eżenti mil-limiti ta' ħin għad-diskorsi (Ordni Permanenti Nru. 49). Il-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol ta' dawn iż-żewġ seduti jkun fit-8.30 p.m. u l-ewwel votazzjoni tittieħed ħames minuti wara li tintalab, waqt li l-votazzjonijiet l-oħra kollha li jistgħu jintalbu jittieħdu immedjatament wara. Il-ħin ta' l-Aġġornament ta' dawn is-Seduti ma jitteħidtx.

2. Illi fis-seduti mħollija għall-Kumitat ta' Provvista għas-sena 1994, il-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, rigward ix-xogħol finanzjarju, ikun fid-9.30 p.m. kull meta l-Kamra tiltaqa' fil-għaxija; u li f'dawn is-seduti l-ħin ta' l-Aġġornament ma jitteħidtx, u meta l-Kamra tiltaqa' fil-għodu, il-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol ikun fin-12.30 p.m. u l-ħin ta' l-Aġġornament ma jitteħidtx.

3. Illi fil-jiem tal-Kumitati ta' Provvista:-

(A) Meta fuq l-Aġenda jkun hemm il-voti ta' Ministeru wieħed:

(i) Kull Ministru jressaq ir-Riżoluzzjonijiet tiegħu fil-Kumitat fil-bidu tad-diskussjoni dwarhom; u mbagħad il-ħin disponibbli għad-diskussjoni jinqasam indaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni bl-aħħar nofs għall-Gvern;

(ii) Fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol finanzjarju, il-President tal-Kumitati jqiegħed għall-vot mingħajr diskussjoni l-mistoqsija fuq il-voti ta' l-estimi kif jidhru fuq l-Aġenda, u fuq l-emendi li jista' jkun hemm għalihom:

Iżda Ministru jista' jressaq emendi li jitqegħdu għall-vot mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat dwar emendi proposti minnu, u f'dan il-każ dawn l-emendi jitqegħdu għall-vot mingħajr diskussjoni;

(iii) Il-votazzjonijiet kollha li jistgħu jintalbu jittieħdu x'ħin tispiċċa d-diskussjoni; u l-ewwel votazzjoni tittieħed ħames minuti wara li tintalab fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, waqt li l-votazzjonijiet l-oħra, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament warajha.

(B) Meta fuq l-Aġenda jkun hemm il-voti ta' żewġ Ministeri:

(i) Il-ħin tad-diskussjoni jinqasam indaqs bejn iż-żewġ Ministeri;

(ii) Kull Ministru jressaq ir-Riżoluzzjonijiet tiegħu fil-Kumitat fil-bidu tad-diskussjoni dwarhom; u mbagħad il-ħin disponibbli għad-diskussjoni jinqasam indaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni bl-aħħar nofs għall-Gvern;

(iii) Wara li tispiċċa d-diskussjoni fuq il-voti ta' l-ewwel Ministeru ma ssir l-ebda mistoqsija mill-President tal-Kumitati; u l-Kumitat igħaddi minnufih għad-diskussjoni dwar il-voti tat-tieni Ministeru;

(iv) Fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol finanzjarju, il-President tal-Kumitati jqiegħed għall-vot mingħajr diskussjoni l-mistoqsija fuq il-voti ta' l-estimi kif jidhru fuq l-Aġenda, u fuq l-emendi li jista' jkun hemm għalihom, dwar iż-żewġ Ministeri:

Iżda Ministru jista' jressaq emendi li jitqegħdu għall-vot mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat dwar emendi proposti minnu, u f'dan il-każ dawn l-emendi jitqegħdu wkoll għall-vot mingħajr diskussjoni;

(v) Il-votazzjonijiet kollha li jistgħu jintalbu, jittieħdu x'ħin tispiċċa d-diskussjoni dwar iż-żewġ Ministeri; u l-ewwel votazzjoni tittieħed ħames minuti wara li tintalab fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, waqt li l-votazzjonijiet l-oħra, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament warajha.

4. Illi l-voti fil-Kumitat ta' Provvista jistgħu jittieħdu għad-diskussjoni mhux fl-ordni kif jidhru hawn taħt u iktar minn voti ta' Ministeru wieħed jistgħu jiġu diskussi f'seduta waħda.

## L-EWWEL JUM

## MINISTERU TA' L-INTERN U ŻVILUPP SOĊJALI

| | | | |
|---|---|---|---|
| Vot | 13 | - | Ministeru ta' l-Intern u Żvilupp Soċjali |
| " | 14 | - | Saħħa |
| " | 15 | - | Intern - Direttorat Ġenerali |
| " | 16 | - | Intern - Pulizija |
| " | 17 | - | Intern - Servizzi Korrettivi |
| " | 18 | - | Dipartiment tal-Familja u Assistenza Soċjali |
| " | 19 | - | Dipartiment tal-Familja u Assistenza Soċjali - Anzjani u Ħteġijiet Speċjali |
| " | IV | - | Ministeru ta' l-Intern u Żvilupp Soċjali |

## IT-TIENI JUM

## MINISTERU TA' L-AFFARIJIET BARRANIN

| | | | |
|---|---|---|---|
| Vot | 7 | - | Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin |
| " | II | - | Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin |

## IT-TIELET JUM

## MINISTERU TAL-FINANZI

| | | | |
|---|---|---|---|
| Vot | 30 | - | Ministeru tal-Finanzi |
| " | 31 | - | Teżor |
| " | 32 | - | Pensjonijiet |
| " | 33 | - | Taxxi Interni |
| " | 34 | - | Uffiċċju ta' l-Awditur |
| " | 35 | - | Dwana |
| " | 36 | - | Statistika |
| " | 37 | - | Kummerċ |
| " | 38 | - | V.A.T. |
| " | 39 | - | Joint Office |
| " | IX | - | Ministeru tal-Finanzi |

## IR-RABA' JUM

## MINISTERU GĦAS-SERVIZZI EKONOMIĊI

| | | | |
|---|---|---|---|
| Vot | 20 | - | Ministeru għas-Servizzi Ekonomiċi |
| " | 21 | - | Industrija |
| " | 22 | - | Turiżmu |
| " | V | - | Ministeru għas-Servizzi Ekonomiċi |

## IL-ĦAMES JUM

## MINISTERU GĦALL-AMBJENT

| | | | |
|---|---|---|---|
| Vot | 23 | - | Ministeru għall-Ambjent |
| " | 24 | - | Artijiet |
| " | 25 | - | Ambjent |
| " | 26 | - | Ilma |
| " | VI | - | Ministeru għall-Ambjent |

## IS-SITT JUM

## MINISTERU GĦALL-IKEL, AGRIKOLTURA U SAJD

| | | | |
|---|---|---|---|
| Vot | 27 | - | Ministeru għall-Ikel, Agrikoltura u Sajd |
| " | 28 | - | Affarijiet tal-Konsumatur |
| " | VII | - | Ministeru għall-Ikel, Agrikoltura u Sajd |

## U
## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

| | | | |
|---|---|---|---|
| Vot | 29 | - | Ministeru għal GĦawdex |
| " | VIII | - | Ministeru għal GĦawdex |

## IS-SEBA' JUM

## MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI U RIŻORSI UMANI

| | | | |
|---|---|---|---|
| Vot | 8 | - | Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani |
| " | 9 | - | Edukazzjoni |
| " | 10 | - | Libreriji u Arkivji |
| " | 11 | - | Mużewijiet |
| " | 12 | - | Xogħol |
| " | III | - | Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani |

## IT-TMIEN JUM

## MINISTERU GĦAS-SIGURTA' SOĊJALI

| | | | |
|---|---|---|---|
| Vot | 40 | - | Ministeru għas-Sigurta' Soċjali |
| " | 42 | - | Djar |

| | | | |
|---|---|---|---|
| " | X | - | Ministeru għas-Sigurta' Soċjali |

**U**

**MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Vot | 43 | - | Ministeru tal-Ġustizzja |
| " | 44 | - | Legali |
| " | 45 | - | Ġudizzjarju |
| " | 46 | - | Reġistru ta' l-Artijiet |
| " | XI | - | Ministeru tal-Ġustizzja |

**ID-DISA' JUM**

**MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ U KULTURA**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Vot | 47 | - | Ministeru għaż-Żgħażagħ u Kultura |
| " | XII | - | Ministeru għaż-Żgħażagħ u Kultura |

**U**

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT U KOMUNIKAZZJONI**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Vot | 48 | - | Ministeru għat-Trasport u Komunikazzjoni |
| " | 49 | - | Avjazzjoni Ċivili |
| " | 50 | - | Posta |
| " | 51 | - | Liċenzji u Testing |
| " | XIII | - | Ministeru għat-Trasport u Komunikazzjoni |

**L-GĦAXAR JUM**

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Vot | 1 | - | Uffiċċju tal-President |
| " | 2 | - | Kamra tad-Deputati |
| " | 3 | - | Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| " | 4 | - | Kummissjoni dwar is-Servizzi Pubbliku |
| " | 5 | - | Forzi Armati ta' Malta |
| " | 6 | - | Informazzjoni |
| " | I | - | Uffiċċju tal-Prim Ministru |

**Ċ. Approprjazzjoni għas-sena 1994**

(1) Illi l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Approprjazzjoni għas-sena 1994 ikun, jekk meħtieġ, eżenti mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u ddikjarat urġenti biex l-istadji tiegħu kollha jistgħu jittieħdu fl-istess seduta; u

(2) Illi d-diskussjoni fuq ir-Riżoluzzjoni li tawtorizza l-għoti mill-Fond Konsolidat u fuq l-Abbozz ta' Liġi dwar din l-Approprjazzjoni, fl-istadji tiegħu kollha, m'għandhiex

tieħu aktar minn nofs seduta bil-ħin maqsum indaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern, u bil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol fid-9.30 p.m., jekk is-seduta ssir fil-għaxija u fin-12.30 p.m. jekk is-seduta ssir fil-għodu, meta titqiegħed mingħajr diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex jintemm dan ix-xogħol finanzjarju, bil-proviso ta' D(2) u skond D(3), kif jidhru hawn taħt.

**D. Estimi Supplimentari 1993**

(1) Illi l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Approprjazzjoni għas-sena 1993 ikun, jekk meħtieġ, eżenti mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u ddikjarat urġenti, biex l-istadji tiegħu kollha jistgħu jittieħdu fl-istess seduta; u

(2) Illi d-diskussjoni fuq dawn l-estimi m'għandhiex tieħu aktar minn nofs seduta bil-ħin maqsum indaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern; u fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, li jkun fid-9.30 p.m. meta s-seduta ssir fil-għaxija u fin-12.30 p.m. meta s-Seduta ssir fil-għodu, għandha titqiegħed mingħajr diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex jintemm ix-xogħol kollu finanzjarju dwar dawn l-estimi:

Iżda Ministru jista' f'kull ħin iressaq emendi li jitqegħdu għall-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u

(3) Illi l-votazzjonijiet kollha li jistgħu jintalbu fuq dawn l-estimi u l-estimi supplimentari, jittieħdu fil-ħin ta l-interruzzjoni tax-xogħol, billi l-ewwel votazzjoni tittieħed ħames minuti wara li tintalab, u l-votazzjonijiet l-oħra jittieħdu immedjatament warajha u l-ħin ta l-aġġornament ma jitteħidtx.

24.11.93